MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 54/2004

**Is-socjeta' General Distributors Limited**

**Vs**

**Saviour Dalli**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm863.91c (tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' merca konsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fil-hanut tieghu 'Salcath Discount Store' ta' Triq l-Isqof Scicluna, Hal-Qormi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Philip Galea Farrugia li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm863.91c (tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------